**Simpożju Internazzjonali – Il-Presepju bejn Passat u Futur (Grand Hotel, Mġarr Għawdex)**

**Il-Wirt Kulturali fil-Gżira Għawdxija**

Daniel Borg Is-Sibt 30 ta' Settembru 2023

## 1. Introduzzjoni

L-ewwel nett grazzi tal-istedina tagħkhom!

Huwa diffiċli naħseb li titkellem wara kelliema mportanti bħal ma kien hawn illum fejn ġew trattati temi bħas-sehem tal-għaqdiet volontarji, l-istorja tal-presepju minn San Franġisk sal-lum, u kif żviluppa l-presepju kif nafuh illum, u għalhekk żgur li interventi bħal dawk li kellna, speċjalment dawk ta' Luigi Bombelli u l-imgħallem Claudio Mattei, huma pass importanti ieħor biex ikompli jikber l-għarfien tagħna fuq il-presepju.

Imma apparti minn hekk ma nistax nibda qabel ma nirrikonoxxi ir-rwol importanti ta' din l-għaqda 'Għimmanu-El' li għal darb' oħra ssuperat il-limiti u d-diffikutajiet ta' għaqda żgħira stabbilita f'Għawdex biex torganizza dan is-simpożju internazzjonali. Dan juri li l-wirja internazzjonali li organizzat fi tmiem is-sena l-oħra f' Bergamo, ma kienx mument ta' darba. U dan jawgura tajjeb għall-ġid u għall-futur ta'din l-għaqda li se tkun ukoll preżenti f'Ruma fl-aħħar ta' din is-sena. Minn qalbi nawgura l-għaqda f'għeluq l-għaxar snin tagħha, u r-rappreżentanti tagħha, u nawguralha wkoll biex tkompli l-ħidma tagħha, li qed tgħin mhux biss il-presepju, imma wkoll lil Għawdex jgħolli l-livell tiegħu fil-qasam kulturali.

Imma wieħed ma jistax jitkellem fuq suġġett jekk miegħu ma jkunx hemm marbut livell ta' emozzjoni. Minkejja x-xogħol kbir li kien ikollu missieri Wenzu, li kien pijunier fil-qasam tal-*catering* f'Għawdex, qatt ma kien jonqos li jibni presepju. Hu kien jinvolvini miegħu, u fiha nibbet dik ix-xrara ta' mħabba, minħabba li din kienet xi ħaġa li konna nagħmlu t-tnejn flimkien. Illum huwa nieqes, imma t-tifkira tiegħu timbuttani biex jien innibbet ukoll din l-imħabba f'ibni Gabriel.

Meta il-kumitat qalli bl-ideja tal-konferenza, kien qalli kif waħda mit-temi li dan is-simpożju xtaq jesplora kienet il-kontribut tal-presepju għall-wirt kulturali f'Għawdex. F' dan il-kuntest tkellimna dwar riċerka li kont għamilt bejn l-2017 u l-2018, u li ppreżentajt kemm barra minn Malta u kemm f'ġurnali akkademiċi,

dwar il-wirt kulturali u l-potenzjal tiegħu bħala niċċa għas-settur turistiku f'Għawdex.

L-argument tiegħi kien li l-wirt kulturali Għawdxi huwa tant għani, u għandu karatteristiċi tassew distinti, li jagħmluh uniku. Għalhekk xtaqt li naqsam magħkhom ftit minn dik ir-riċerka li kont għamilt, ovvjament fil-kuntest taż-żmien tal-lum, u tas-suġġett li flimkien qed niddiskutu.

## 2. Indipendenti jew Le?

Azzopardi fl-2015 kien ikkummenta kif l-Għawdxin "jaraw lilhom infushom b'identita' tagħhom u bl-istess mod jarawhom il-Maltin."

Baldacchino fl-2010 x'ħin jiddeskrivi gżejjer li huma awtonomi, jiġifieri li b'xi mod għandhom ċertu livell ta' indipendenza, jagħmel analiżi ċara ħafna li hija rilevanti għal Għawdex. Hu jgħid kif l-awtonomija jew l-indipendenza ta' gżira ma titkejjilx biss mill-fatt li din tkun rikonoxxuta jew le fuq livell tal-liġi jew mill-istat, fil-każ ta' gżira li mhix ukoll nazzjon, imma minn dak li verament iseħħ jew qed jiġri fuq dik il-gżira.

Għalkemm f'Għawdex hawn strutturi bħal Ministeru għal Għawdex u l-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali, il-livell ta' awtonomija ta' dawn l-istituzzjonijiet f'għajnejn il-Gvern ċentrali hija waħda limitata. Madanakollu il-livell ta' awtonomija / indipendenza ta' gżira ma jitkejjilx biss minn hekk. U Baldacchino jgħid li fil-każ ta' gżira din l-awtonomija / indipendenza titkejjel ukoll minn kemm għandha soċjeta' u kultura distinta.

Għalkemm skont ċerti studjużi Għawdex jinsab fil-"periferija tal-periferija" (Chaperon and Theuma, 2015, p. 57) forsi wieħed ikollu viżjoni sempliċi wisq jekk jidentifika lil Għawdex biss b'dan il-mod. U għalkemm Għawdex m'għandux awtonomija / jew indipendenza uffiċjali jew forsi jekk infissruh aħjar, "gvern għalih", Għawdex naħseb jien jaqa' f'dak il-grupp ta' gżejjer li fittxew tul iż-żmenijiet dik awtonomija jew livell ta' indipendenza li tgħodd għalihom (Weaver, 2017). U meta wieħed jistudja dan ix-xenarju, ma jridx iħares biss lejn l-istrutturi governattivi, imma għandu wkoll iħares lejn entitajiet oħra li huma attivi fis-soċjeta, fil-każ ta' Għawdex per eżempju il-Knisja, u kif ukoll kif l-istess istituzzjonijiet governattivi żviluppaw tul iż-żmien.

Fil-qasam reliġjuż, Għawdex inqata' bħala Djoċesi għalih, fl-1864. Fil-qasam governattiv kellna wkoll matul is-snin diversi istituzzjonijiet fejn din l-awtonomija għalkemm mhux b'mod sħiħ, ġiet implimentata. Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fl-1961, per eżempju, kien l-ewwel esperiment ta' gvern lokali fil-gżejjer Maltin. Esperiment ieħor kien jinkludi Kumitat għal Għawdex, u f'dawn l-aħħar snin il-Ministeru għal Għawdex, u dan l-aħħar ukoll ir-Reġjun Għawdex.

Imma hawnhekk nerġa' lura għal dak li qal Baldacchino, li l-awtonomija / indipendenza ta' post ma titkejjilx biss mill-indipendenza li tingħata b'mod formali jew uffiċċjali, imma minn dak li verament qed jiġri fil-gżira. U l-qasam kulturali jixhed kemm Għawdex huwa awtonomu / indipendenti fil-fatt, b'kultura u soċjeta' distinta. Imma meta wieħed jitkellem fuq il-wirt kulturali huwa mportanti wkoll li wieħed jifhem kif dan żviluppa matul iż-żmien.

## 3. L-Iżvilupp tal-Wirt Kulturali Għawdxi

Il-Knisja f'Għawdex żgur kellha sehem importanti fl-iżvilupp tal-wirt kulturali f'Għawdex. U ma jkunx ħażin jekk ngħidu, jogħġobna jew ma jogħġobniex li l-aspett reliġjuż huwa parti tal-identita' tagħna bħala Għawdxin. Kultant anke meta nkunu rridu niċħdu din il-parti tal-identita' tagħna, xorta nispiċċaw nitkelmu mil-Knisja fit-tajjeb u fil-ħażin, għax din hija parti minn dak li aħna.

Għalkemm żgħir daqs naqra, kull post u raħal f'Għawdex għandu knisja jew kappella. Fil-passat ħafna drabi dan kien ikun mhux biss il-ġojjell ta' kull komunita', imma kien ikun ukoll l-unika 'spazju kulturali'. F'dan il-post in-nies kienu jkunu esposti għall-kultura, bħal per eżempju fil-mużika sagra li kienet u għadha tindaqq fil-festi tagħna.

U ħafna drabi l-elementi oħrajn li huma parti mill-wirt kulturali tagħna ħarġu jew huma assoċjati mal-Knisja. Il-mużiċisti bravi li għandna llum ħafna minnhom ħarġu mill-każini tal-banda li kienu jiġu ffurmati biex jiċċelebraw il-qaddis patrun ta' post partikulari.

Anke l-opri li għandna llum u li huma parti mportanti tal-wirt kulturali Għawdxi huma prinċipalment assoċjati maż-żewġ każini tal-banda tar-Rabat. Kif semmejtielkhom qabel, il-Knisja f'Għawdex kienett ġa kisbet awtonomija mportanti meta nqatgħet għaliha bħala Djoċesi fl-1864 u dan irrifletta ruħu wkoll fil-wirt kulturali tal-gżira. Preżentament huma ħafna l-għaqdiet volontarji fil-qasam kulturali li jafu l-bidu tagħhom lill-Knisja.

Madanakollu hemm dinamiċi ġodda li huwa mportanti li wieħed jagħti kashom. Dawn jinkludu: (a) struttura legali li tirregola l-għaqdiet mhux governattivi; u (b) skemi u fondi li permezz tagħhom l-għaqdiet volontarji rreġistrati jistgħu jimplimentaw diversi proġetti u inizjattivi. Dan qed iwassal għal twelid ta' għaqdiet mhux governattivi f'diversi oqsma indipendement mil-Knisja u l-għaqdiet assoċjati magħha. U għalhekk wieħed irid jara kif dan se jimpatta l-wirt kulturali tal-gżira matul iż-żmien li ġej.

Li huwa nteressanti imma li l-istrutturi 'formali' bħal Ministeru għal Għawdex tul is-snin raw dan il-potenzjal u kkolaboraw flimkien mal-għaqdiet volontarji. Kif kont irrimarkajt fl-2018 f'ċirkustanzi ta' baġit limitat ma jagħmilx sens li l-Ministeru għal Għawdex jitlaq waħdu. X'ħin il-Ministeru għal Għawdex ikun

qed jgħin l-għaqdiet mhux governattivi fil-qasam kulturali mhux biss ikun qed jassigura kalendarju kulturali ta' livell, imma jkun ukoll qed jagħmel dan b'inqas spejjeż, waqt li fl-istess ħin ikun qed isaħħaħ il-volontarjat f'Għawdex.

Huwa mportanti li dan ġie rikonoxxut fl-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali li ġiet maħruġa issa u li tagħmel riferenza għall-istrateġija kulturali reġjonali

Il-volontarjat f'Għawdex għandu wkoll quddiemu sfidi li żgur se jħallu impatt, bħal per eżempju l-eżodu taż-żgħażagħ tagħna għal Malta sa minn eta' żgħira, u kif ukoll it-tnaqqis fl-involviment fl-għaqdiet volontarji wara il-pandemija tal COVID-19. Il-komunitajiet tagħna mingħajr il-volontarjat jiddgħajfu u jitilfu l-identita tagħhom.

Madanakollu l-għaqdiet volontarji wkoll iridu jifhmu li ma jistgħux ikomplu jaħdmu bħal qabel. Irridu jisfruttaw l-aspett tad-diġitalizzazjoni biex jikber l-għarfien fuq xogħolhom, filwaqt li jridu jassiguraw li jkollhom struttura serja u trasparenti li tkun tista' twieżen l-attivitajiet tal-organizzazjoni.

## 4. Il-Futur tal-Wirt Kulturali

Dawn l-aħħar snin għamilna ħafna passi 'il quddiem. Tgħallimna nippromwovu il-wirt kulturali anke permezz ta' għodda diġitali u jidher li hemm sforz biex inkomplu nibnu fuqu. Irrestawrajna postijiet importanti bħaċ-Ċittadella, u ipprovajna nagħtu esperjenza f' siti bħal Ġgantija. Din hija t-triq 'il quddiem.

Għadni kif ġej mill-Ungerija fejn żort monasteru tal-benedittini f'Tihany. Bqajt impressjonat mhux biss bis-sbuħija tal-post, imma b'wirja fejn dawn il-benedittini b'mod viżwali urew il-ħajja tagħhom ta'kuljum. Utilizzaw il-post u għamluh finanzjarment sostenibbli mingħajr bl-ebda mod ma tilfu l-identita' reliġjuża tal-post u l-identita' tagħhom.

Illum is-suġġett prinċipali huwa l-presepju. U din l-għaqda naħseb hija ta' eżempju kif nistgħu nimxu 'il quddiem. Filwaqt li jirrikonoxxu l-wirt kulturali tal-presepju f'Għawdex firxu ġwenħajhom. Jorganizzaw korsijiet li għalihom jiġu nies minn Malta kollha, u jorganizzaw wirjiet barra minn Malta ta' livell għoli. U dan għax ma beżgħux jimirħu. U permezz ta' dak li jagħmlu qed joffru b'mod konkret esperjenza sabiħa għall-membri tagħhom filwaqt li jkattru l-imħabba għall-presepju.

U hawnhekk nistqarr magħkhom li Għawdex permezz ta' għaqdiet bħal 'Għimmanu-el' huwa storja ta' suċċess. U huwa storja ta' suċċess ukoll għax il-Ministeru għal-Għawdex tul is-snin ra f'dawn l-għaqdiet imsieħba mportanti għall-programm kulturali tal-gżira. U din għandha tkun it-triq il-quddiem. Il-Gvern la jrid ikun kompetitur u lanqas irid joħnoq l-ispazju ta' dawn l-għaqdiet.

Imma jrid jimxi id 'fid magħhom u jwiżienhom.  Għad-daqs u l-proporzjon tiegħu dak li jiġi organizzat f'Għawdex ma jitwemminx.

## 5. Konklużjoni

Kelma tal-aħħar.  Kelma ta' ħabib, għax hekk inqisni fostkhom.

Naħseb ħafna tafu bl-istorja ċelebri ta' Don Camillo u Peppone ta' Giovannino Guareschi.  Don Camillo kien qassis f'raħal żgħir fil-kampanja li kien f'gwerra kontinwa mas-sindku Peppone.  Fil-waqt li jiġġieldu kienu t-tnejn iħobbu lil xulxin.  Huwa gustuż kif dan il-qassis ikun kontinwament jitkellem mal-kurċifiss li jkollu fil-knisja.  Ġesu fuq is-salib iwissi u jiċċajta ma' Don Camillo, filwaqt li kontinwament jagħtih pariri siewja.

F'wieħed minn dawn id-djalogi, Don Camillo jgħid lil Ġesu:

> "Mulej fid-dinja hawn ħafna affarijiet li ma jaħdmux sew."

U Kristu jgħidlu:

> "Ma jidhirlix.  Fid-dinja huma l-bnedmin biss li ma jiffunzjonawx sew. Mill-bqija kollox jaħdem perfettament."

Il-presepju jfakkarna f'dak kollu li hu sabiħ, il-pajsaġġ, l-ambjent, il-kampanja, drawwiet tal-imgħoddi li jfakkruna fil-valur tax-xogħol, tal-familja, tal-ħbiberija. Illum tkellimt mill-wirt kulturali Għawdxi, teżor li rridu nkomplu nivvalorizzaw u napprezzaw.  Imma ejjew ma ninsewx il-messaġġ ċentrali tal-presepju.  Ejjew nħallu lil Ġesu' fil-prespepju jerġa' jnissel dak kollu li hu sabiħ fina, dak kollu li hu tajjeb, dak kollu li jwassalna għalih.  Grazzi!